# IŻ-ŻEJTUNI DUN SALV DELIA

## L-EWWEL KAPPILLAN TA' M'XLOKK (1897-1902)

*Jikteb il-Kanonku Dun Joe Abela*

Fl-11 ta' Jannar 1997, il-Parroċċa ta' M'Xlokk, iddedikata lill-Madonna tar-Rużarju, tagħlaq eżattament mitt sena mindu nqatgħet mill-Matriċi tagħha, il-Parroċċa ta' Santa Katarina taż-Żejtun. Bħalissa qegħdin isiru l-preparazzjonijiet biex M'Xlokk jiċċelebra kif jixraq dan iċ-ċentinarju mportanti fl-istorja tiegħu. Fl-1897 kienet it-tielet darba li ż-Żejtun sar matriċi, peress li fl-ewwel snin tas-seklu sbatax kienu nqatgħu minnu żewġ paroċċi oħra, l-ewwel ta' Ħaż-Żabbar, u mbagħad ta' Ħal Għaxaq.

### Ħidma Pastorali tas-Saċerdoti Żwieten f'M'Xlokk

L-istorja ta' M'Xlokk minn dejjem kienet marbuta intimament ma' dik taż-Żejtun, b'tali mod li minn dejjem id-Daħla ta' M'Xlokk kienet ikkunsidrata bħala ix-Xatt taż-Żejtun, u s-sajjieda li kienu jaqilgħu l-għixien tagħhom f'M'Xlokk kienu jkunu fil-maġġoranza tagħhom Żwieten. Bl-istess mod, il-kleru li kienu jaqdu l-ħtiġijiet pastorali tax-Xlukkarji kienu jkunu Żwieten. Il-knisja parrokjali ta' M'Xlokk bdiet tinbena miż-Żwieten fl-1890 u sentejn wara kienet diġa' lesta, meta allura ġiet imbierka mill-Isqof Pietru Pace.

Dak iż-żmien kien Arċipriet taż-Żejtun Dun Anton Psaila, li qabel l-1897 kien bagħat lil Dun Lawrenz Psaila, u wara lil Dun Salv Delia, biex jieħdu ħsieb il-kura spiritwali tax-Xlukkajri qabel M'Xlokk sar parroċċa. Kemm Dun Lawrenz Delia (ma nitfixkluhx ma' l-Arċipriet Dun Anton Psaila) u kemm Dun Salv Delia kienu qassisin Żwieten, u t-tnejn li huma kienu joqgħodu mal-familji tagħhom fi Triq Santa Marija, hawn iż-Żejtun. Matul is-seklu li għadda ħafna mis-sajjieda ta' M'Xlokk kienu joqgħodu fil-parti taż-Żejtun li nsejħulha ir-Raħal ta' Fuq. Dun Lawrenz u Dun Salv kienu allura joqgħodu proprju fil-qalba taż-Żejtun abitata mis-sajjieda. Iżda sadattant, ħafna sajjieda oħra Żwieten kienu bnew id-djar tagħhom matul ix-xatt ta' M'Xlokk, u dawn bir-raġun kollu bdew jinsistu biex M'Xlokk isir parroċċa għalih, minħabba l-bogħod li huma kellhom mill-knisja parrokjali taż-Żejtun. Fl-1897 Dun Lawrenz Psaila kien diġa' mejjet, u għalhekk l-għażla ta' l-ewwel kappillan ta' M'Xlokk waqgħet fuq iż-Żejtuni l-ieħor Dun Salv Delia.



### Il-Familja Delia (Ta' Serafin) fiż-Żejtun

Il-Familja Delia, li sal-lum għad baqgħalha konnessjoni mal-Banda Żejtun, hi familja antika fil-parroċċa tagħna. "Status Animarum" (lista tal-persuni) tal-1822 jinkludi l-familja tan-nannu ta' Dun Salv. Din il-familja kienet tikkonsisti fil-missier Salvotore Delia, l-omm Clementia, u l-ulied Angela, Ġużeppi u Franġisku, li allura kien għad kellu biss sena waħda fl-1822. Dan it-tifel żgħir Franġisku kien twieled fit-8 ta' Frar 1822. Din it-tarbija Franġisku Delia ma kien ħadd ħlief il-missier futur ta' Dun Salv Delia. Din il-familja Delia kienet toqgħod f'Ħal Bisbut, ir-Raħal ta' Fuq ta' żmienna. Meta kiber, Franġisku Delia żżewweġ lil Magdalena Micallef fil-Parroċċa tal-Gudja fit-13 ta' Frar 1855. Mill-arkivju tal-Parroċċa tal-Gudja ma jirriżultax li tweldulhom xi tfal fil-Gudja. Il-probabilta' hi mela, li wara li żżewġu, Franġisk u Magdalena Delia mill-ewwel ġew joqgħodu fiż-

Żejtun, għaliex diġa' fl-1856, sena waħda biss wara ż-żwieġ tagħhom, huma kellhom fiż-Żejtun l-ewwel tarbija tagħhom, tifel li huma semmew Salvatore, għal missier Franġisku li kien miet tliet snin qabel. Din l-ewwel tarbija tal-koppja Delia damet ħajja sentejn biss. Imbagħad fl-1858 tweldilhom Serafin, u għalhekk il-familja ta' Dun Salv ġieli kienu jsejħulhom "Ta' Serafin". Fil-fatt dan Serafin jiġi ħu Dun Salv.

*Twelid ta' Dun Salv Delia*

Wara t-twelid ta' Ġużeppa (1860), u twelid (1863) u l-mewt bikrija (1863) ta' Salvatore ieħor, fl-aħħar twieled it-tielet Salvatore lill-koppja Delia. Dan it-tielet Salvatore, li twieled fiż-Żejtun fit-13 ta' Jannar 1865, kien destinat li jkun l-ewwel kappillan tal-Parroċċa ta' M'Xlokk. Il-ġenituri ta' Dun Salv it-tnejn mietu wara li binhom kien sar kappillan tal-parroċċ a l-ġdida. Anzi nistgħu nżidu li Magdalena mietet fl-1907, jiġifieri damet tgħix għal ħames snin wara l-mewt ta' binha, il-kappillan Dun Salv, li miet f'eta' pjuttost żgħira. Iċ-ċkejken Salvatore Delia irċieva s-Sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof fil-Palazz ta' l-Isqof, il-Belt Valletta, minn idejn l-Isqof Gaetano Pace nhar it-30 ta' Marzu 1865. Ma jidhirx li Franġisku Delia kellu aktar tfal, għaliex fl-i"Status Animarum" tal-1873 huma mniżżlin biss Serafin, Gużeppa u Salvatore (ta' 8 snin), bħala l-ulied fil-familja Delia. Ħdejn l-omm Magdalena, il-kappillan niżżel "Gudiana". Fl-i"Status Animarum" tal-1879, Serafin u Ġużeppa m'humiex fil-lista mal-familja, fil-waqt li Salvatore hu mniżżel bħala tifel ta' 14 il-sena.

*Ordinazzjoni Sagra ta' Dun Salv*

Interssanti l-i"Status Animarum" ta' l-1883, għaliex ħdejn isem Salvatore Delia għandna ndikat li kien kjeriku ta' 19 il-sena. Mela kien qiegħed jistudja għal qassis. Il-kelma "suddjaknu" tidher li ġiet imniżżla wara. Fil-fatt, Dun Salv Delia irċieva l-Ordni tad-Djakonat nhar il-15 ta' Ġunju 1889, Sibt il-Kwattru Tempri fl-Ottava ta' Għid il-Ħamsin, minn idejn l-Isqof Pietru Pace, u ftit wara, jiġifieri fil-21 ta' Diċembru 1889, hu ġie ordnat saċerdot fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Minn manuskritt fl-Arkivju Parrokjali taż-Żejtun, jirriżulta li Dun Salv qaddes l-ewwel quddiesa tiegħu għall-bżonnijiet tal-familja tiegħu, u t-tieni waħda għar-ruħ qrabatu mejtin. Dak iż-żmien bħala viċi-parroku taż-Żejtun kien hawn Dun Salv Mifsud, u kellhom jgħaddu erba' snin biex Dun Salv Delia jgħammed l-ewwel darba, proprju fil-knisja ta' M'Xlokk, nhar id-19 t' April 1894. Iżda diġa' fl-Lulju 1892, Dun Salv kien sar prokuratur tal-Legati tal-Veneranda Lampada taż-Żejtun. Bejn is-snin 1892 u 1894, bħala viċendarju tal-knisja filjali ta' M'Xlokk insibu lil Dun Lawrenz Psaila, li miet fl-14 t'April 1894 fl-erta' ra' 51 sena. Hekk fis-snin 1894-96, filwaqt li fiż-Żejtun jibqgħu jgħammdu l-Arċipriet Dun Anton Psaila u l-vuċi-prroku Dun Salv Mifsud, hu dejjem Dun Salv Delia li, bħala viċendarju, jgħammed fil-knisja ta' M'Xlokk.

*Dun Salv, Kappillan ta' M'Xlokk*

Fil-11 ta' Jannar, Dun Anton Psaila, Arċipriet taż-Żejtun, sar Monsinjur tal-Kattidral, u fl-istess ġurnata ħareġ id-digriet tat-twaqqif ta' M'Xlokk bħala parroċċa għaliha. Allura Dun Salv Delia sar vigarju-kurat taż-Żejtun sakemm Dun Lawrenz Degabriele ħa l-pussess bħala l-Arċipriet il-ġdid ta' din il-parroċċa fis-7 ta' Lulju, ta' l-istess sena. Fix-xhur Jannar-Lulju 1897, jgħinuh bħala viċi-parroċi taż-Żejtun, Dun Salv Delia kellu lil Dun Karm Vella u lil Dun Karm Gravina, li baqgħu viċi-parroċi taż-Żejtun ukoll fi żmien l-Arċipriet Degabriele. Bl-editt tat-23 ta' Frar 1897, l-Isqof Pietru Pace ikkonferma lil Dun Salv Delia bħala viċendarju ta' M'Xlokk proviżorjament sakemm jinħatar il-kappillan il-ġdid tal-parroċċa l-ġdida ta' M'Xlokk. Iżda meta ħarġet in-nomina tal-kappillan il-ġdid fis-6 t'Ottubru 1897, kien l-istess Dun Salv Delia li ntagħżel mill-Isqof bħal l-ewwel kappillan ta' M'Xlokk. Hekk kien jixraq! Għaxar t'ijiem wara, jiġifieri fil-16 t'Ottubru, 1897, Dun Salv ħa l-pussess tal-parroċċa ġdida, fost il-ferħ tax-Xlukkajri u ż-Żwieten.

*Ħidma ta' Dun Salv f'M'Xlokk*

Il-knisja parrokjali ta' M'Xlokk fi żmien Dun Salv kienet wisq iżgħar minn dik li naraw illum, iżda għal dak iż-żmien kienet suffiċjenti. Mill-bidu Dun Salv ħa ħsieb li jitwaqqflu l-Fratellani tas-Sagrament u tar-Rużarju, u ftit xhur wara li sar kappillan, Delia beda jaħseb għall-Istatwa, li ġiet ordnata minn Lecce, fl-Italja. Din l-istatwa artistika u devota tal-Madonna tar-Rużarju waslet f'M'Xlokk għall-bidu tas-sena 1900. Hi mbagħad ironika li l-ewwel persuna li kellha tmut f'M'Xlokk bħala parroċċa kellu jkun proprju Franġisk Delia, missier il-kappillan. Iżda ż-żagħżugħ u ħabbrieki kappillan innifsu ma damx snin kbar ħaj wara l-mewt ta' missieru, għaliex miet nhar l-24 t'April 1902, fl-eta' ta' 38 sena biss! Nistgħu ngħidu li miet vittma tal-ħeġġa li kellu għall-erwieħ. Kien ma jiflaħx u, peress li kien saċerdot waħdu f' M'Xlokk, ħareġ mid-dar biex jagħmel il-funzjoni ta' Sibt il-Glorja. Ħa riħ fuq ieħor, u ma damx ma ttajjar għal għand il-Mulej. Difnuh fil-knisja stess, f' qabar li jiġi taħt il-paviment tal-kursija preżenti.